Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*

ŻGHIR B'QALB KBIRA

# Seduta numru 11. Illum it-Tlieta, 9 ta' Frar 2010

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 6 ta' Ġunju 2009, ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fis-6.15p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

Approvazzjoni tal-Minuti
Korrispondenza
Komunikazzjonijiet
Budget Annwali Jannar – Dicembru 2010
Gieh Mgarr
Laqgha annwali tal-lokalita
Revizjoni ghall-iskema ta' ghajnuna fuq toroq
Fuljett il-Migbha
Affarijiet Mixxellanji

**PREŻENTI**

Is-Sindku Paul Vella, il-Viċi Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, Il-Kunsillier Giovanni Gatt, il-Kunsillier Maria Said

Is-Segretarju Ezekuttiv : Christine Lewis

Il-Laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku Paul Vella

**MINUTI**

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u, wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk ffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

## 2.0 Punti Mill-Minuti

2.1 Is-Sindku nforma li l-kuntrattur Bonnici Brothers assenjat biex jaghmel ix-xoghol fi Triq Imqades informa li huwa lest li jaghmel xoghol f'din it-Triq f'Marzu. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni u se jaghmel il-preparamenti necessarji ghal dan ix-xoghol.

2.2 Il-Konsulent ta' l-Immanigjar tat-traffiku ma rrakomandax li jsiru parking bays fi Triq Sir Harry Luke, minhabba li l-wisa' tat-Triq ma jippermettix li jsir parkegg f'din it-Triq. Il-Kunsill qabel li jistudja l-possibilita li jsir *priority over oncoming vehicles*. Il-Konsulent se jigi nfurmat dwar dan.

Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*

2.3 Il-Vici Sindku nfurma dwar il-laqgha li kellu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv mal-kumpanija Liquidstudios u l-website tinsab fi stadju avvanzat biex tigi mtella'. Huwa qal li t-tibdiliet il-godda se jkunu qed jaqdu l-htigijiet tal-hajja tal-lum.

2.4 Il-Kunsill se jkun qed jaghti parti min-noticeboard ta' magemb il-knisja, biex jitwahhal materjal informattiv mill-Awtorita ta' l-Ippjanar ghall-pubbliku.

2.5 Il-Kunsill qabel li jkopri l-ispejjez ta' zewg gwardjani lokali waqt it-Tour Ta' malta bejn is-17 u t-22 ta' Marzu.

**3.0 Laqgha Annwali tal-Lokalita**

3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qrat kopja tal-Minuti tal-laqgha annwali tal-lokalita. Billi ma kienx hemm korrezzjonijiet, dawn gew approvati u ghalhekk gew iffirmati mis-Sindku u S-Segretarju Ezekuttiv.

**4.0 Gieh Mgarr**

4.1 Il-Kunsill qara l-applikazzjonijiet li rceva bin-nominazzjonijiet ghall-Unur Gieh Mgarr u l-Unur Rikonoxximent.

4.2 Wara diskussjoni fit-tul, il-Kunsill qabel li jaghti l-Unur Gieh lis-Sur Pawlu Said, lis-Sur Vincent Vella u l-Unur Rikonoxximent lis-Sinjura Maria Micallef u lis-Sinjorina Mary Vella Frendo.

4.3 Il-Kunsill se jipprezenta l-Unur Rikonoxximent lill-ex Kunsillieri s-Sur David Battistino, is-Sinjura Victoria Sammut u s-Sur Agostino Ebejer ghax-xoghol li wettqu fil-qasam tal-Gvern Lokali fil-Legislaturi precedenti .

4.4 Is-Sindku ppropona li jinghata l-Unur Rikonoxximent lis-Sur Alberto Vinardi, Kunsillier fil-lokalita ta' Mathi (To) ghax-xoghol li wettaq biex seta' jigi ffirmat il-Gemellagg u l-hidma li dan igib mieghu. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.5 Fuq proposta tal-Kunsillier Giovanni Gatt, il-Kunsill qabel li jinnomina lill-Professur Salvino Busuttil ghal Gieh ir-Repubblika.

**5.0 Revizjoni ghal ghajnuna fuq Toroq**

5.1 Is-Sindku propona revizjoni fuq il-lista ta' toroq proposti fil-laqgha precedent, biex isir resurfacing taghhom, fid-dawl ta' l-istimi li pprepara l-Perit tal-Kunsill f'dan ir-rigward;

Triq l-Amaroz,
Triq Aruna

**Kunsill Lokali Mgarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*

Triq il-Karamelli
Parti minn Triq Santa Marija
Parti minn Triq Sir Harry Luke
Triq Hagrat
Triq Ras il-Gebel
Triq Gnien id-Dwieli
Parti minn Triq San Pietru

5.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar dan fit-tul u qabel mal-proposta tas-Sindku. Il-Kunsill qabel li jitlob l-ghajnuna tal-Gvern Centrali biex Triq il-Kbira tkun tista' tinkesa bit-tarmak.

**6.0 Migbha**

6.1 Il-Vici Sindku Eman Vella talab li l-artikli ghall-fuljett il-Migbha jghaddu lilu sa l-ahhar ta' Frar. Kien hemm qbil li l-pubblikazzjoni ssir ghand Colour Image.

**7.0 Budget Annwali 2010**

7.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-estimi finanzjarji ghas-sena 2010 u fassal il-progetti tieghu ghas-sena 2010. Il-Kunsill innota li skond il-Budget propost mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill irid inaqqas mill-inqas € 50, 000 mis-somma li hija proposta li tigi ring fenced fuq toroq. Sar qbil li jigi notifikat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali f'dan ir-rigward. Kopja ta' l-estimi qed tigi annessa ma dawn il-Minuti.

**8.0 Affarijiet Mixxellanji**

8.1 Il-Kunsillier Giovanni Gatt gibed l-attenzjoni dwar atti vandali li saru fil-jiem li ghaddew. Huwa sostna fuq l-importanza tal-pulizija fl-ghassa biex jigu evitati kazi simili. Il-Kunsill se jigbed l-attenzjoni tal-pulizija dwar dan.

8.2 Il-Kunsill qabel li jsiru yellow lines fi Triq il-Kbira quddiem Castello Zammitello u quddiem il-kazin MLP.Il-Kunsill se jitlob l-approvazzjoni ta' l-ADT ghal dan ix-xoghol.

8.3 Il-Kunsillier Clayton Gauci talab li jsiru double yellow lines fi Triq Gammari Camilleri, tul it-Triq kollha, minhabba li hemm numru ta' residenti li mhux qed ikunu jistghu jaccessaw il-garaxx taghhom. Il-Kunsill qabel li t-talba tintbaghat lill-ADT.

8.4 Il-laqgha ntemmet fl-22.00.

8.5 Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 9 ta' Marzu 2010, fis-6.00p.m.

Christine Lewis

# Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url* : ***www.mgarr.gov.mt***


Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku


***Sindku*** : *Paul Vella,* ***Vici Sindku*** : *Eman Vella*
***Kunsillieri*** : *Clayton Gauċi, Giovanni Gatt, Maria Said*
***Segretarju Ezekuttiv*** : *Christine Lewis* ***Dip.Gen.Mgt.(MSM), MIM, PG Cert. in CSM (Leic.)***